# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


30 ta' Jannar, 2013

# Minuti tal-laqgha 13(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 13(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar, 2013, fil-hamsa ta' filghaxija (5.00pm)

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsillier Anton Gellel u l-Kunsillier Lawrence Attard.

Il-Kunsillier Alan Cassar inghaqad ghal-laqgha fis-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30pm) u telaq mil-laqgha fi sebgha u nofs ta' filghaxija (7.30pm) minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi telaq mil-laqgha fi tmienja neqsin kwart ta' filghaxija (7.45pm)

Is-Sindku s-Sur John Boxall stqarr li l-laqgha ma saritx kif kien ippjanat fl-14 ta' Jannar, 2013, minhabba li s-Segretarja Ezekuttiva kienet ma tiflahx.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Item 1.8(12/06) Zviluppi dwar it-Tender SSMW 08/12 – Sejha ghall-offerti ghall-Knis ta' toroq u gbir ta' skart domestiku

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-kuntrattur Saviour Mifsud beda jahdem fil-lokalita tal-Birgu mill-1 ta' Jannar, 2013, ghas-servizz tal-knis ta' toroq u l-gbir ta' skart domestiku. Is-Sindku zied jghid li sal-lum is-servizz offrut huwa wiehed tajjeb hafna.

1.2 Item 2.1 (12/06) Progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

a. Il-progett "Open the Door"

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill qieghed jaghmel il-preparamenti mehtiega sabiex bejn l-4 u l-11 ta' Mejju, 2013 zghazagh minn din il-Belt jirraprezentaw lill-Birgu fil-progett "Open the Door", organizzat mill-villagg ta' Belvi f'Sardegna. Is-Sur Boxall, Sindku, qal li ghal dan il-progett gew maghzula s-Sur Johann Spagnol, is-Sur Christian Raggio, is-Sur Adrian Saliba, is-Sinjorina Maria Chiara Montesin, is-Sinjorina Marta Mifsud u s-Sinjorina Rodianne Debono biex jirraprezentaw lill-Belt tal-Birgu fil-villagg ta' Belvi f'dan il-progett immexxija mis-Sinjura Moira Azzopardi, impjegata mal-Kunsill u responsabbli minn da nil-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

b. Il-progett "Tastes of Europe"

Il-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi ta rendikont tal-progett "Tastes of Europe", liema progett qieghed isir mal-villagg ta' Swinoujscie gewwa l-Polonja. Il-Vici Sindku qal li s-Sur Philip Azzopardi attenda ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-*Advance Planning Meeting* li sar f'din il-Belt bejn il-25 u s-27 ta' Jannar, 2013, fejn gie diskuss fid-dettal il-progett u l-attivitajiet li ser jitellghu ghaz-zghazagh partecipanti f'dan il-progett li ser isir bejn l-11 u s-16 ta' Frar, 2013. Is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku qal li ghal dan il-progett gew maghzula s-Sinjorina Elizabeth Boxall, is-Sinjorina Nikita Mizzi, is-Sur Clint Muscat, is-Sur Chris Gaunt, is-Sur Christian Mifsud, is-Sur Joshua Lagana, is-Sur Bjorn Schembri, s-Sur Myles Portelli, is-Sinjorina Kelly Cassar u s-Sinjorina Francesca Grech flimkien mas-Sinjorina Marie Elsworth sabiex jirraprezentaw lill-Belt tal-Birgu fil-villagg ta' Swinoujscie gewwa l-Polonja. Hawnhekk, is-Sur Mizzi qal li nhar is-Sibt 1 ta' Frar, 2013, ser issir laqgha ghal dawn iz-zghazagh fejn anke ser issir prezentazzjoni mis-Sur Philip Azzopardi.

1.3 Item 2.2(12/06) Donazzjoni ta' zewg twieqi *stained glass* mill-Kumpanija Brian Constructions Ltd.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera li z-zewg twieqi *stained glass* bl-istemma tal-Birgu u bl-istemma tal-lingwa Franciza gew mghotija b'donazzjoni mill-kumpanija Brian Construction Ltd. Twehhlu fl-entrata principali tal-Berga ta' Franza.

1.4 Item 2.5(12/06) Lejla Letterarja ghan-nom ta' Gigi Buttigieg

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lill-Kunsilliera prezenti li hu kellhu laqgha mal-familjari ta' Dr. Louis (Gigi) Buttigieg, fejn urew ix-xewqa li fl-okkazjoni tal-hamsin sena anniversarju mill-mewt tieghu, ssir quddiesa ta' Radd il-Hajr flimkien ma' Lejla Letterarja. Is-Sindku zied jghid li l-familjarji ta' Dr. Buttigieg xtaqu wkoll li ssir irhama kommemorattiva, liema rhama ma tistax issir fil-binja tal-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li ser jinforma lill-Kunsill b'kull progress f'din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 2.8(12/06) Kwotazzjoni ghal CCtv cameras ghall-binja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li x-xoghol tal-installazjoni ta' zewg CCtv cameras fil-binja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, wahda fl-entrata principali u l-ohra fuq barra tal-binja, sar u tlesta.

## 2. **Korrispondenza**

2.1 Vakanza ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu fuq bazi *full-time*

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera prezenti li wara li s-Sinjorina Marilyn Ellul, ipprezentat ir-rizenja taghha mix-xoghol ta' skrivana mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, l-istess Kunsill talab lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll lill-ETC il-permess sabiex tinhareg is-sejha ghal post vakanti ta' skrivan/a mal-Kunsill Lokali tal-Birgu fuq bazi *full-time*. Is-Sindku qal li nharget sejha interna ghall-impjegati tal-Kunsilli Lokali kollha u ghal din is-sejha applikaw is-Sur Jordy Brincat, kif ukoll is-Sinjura Moira Azzopardi li hija wkoll impjegata *part time* mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li s-Sur Jordy Brincat informa lill-Kunsill Lokali tal-Birgu permezz ta' email datata 29 ta' Jannar, 2013, li m'ghadux interessat ghall-applikazzjoni tal-post vakanti. Hawnhekk, is-Sindku, s-Sur John Boxall, talab lis-Segretarja Ezekuttiva tati r-rakkomandazzjoni taghha ghall-impjieg fuq bazi *full-time* tas-Sinjura Moira Azzopardi. Is-Sinjorina Christine Bonello stqarret li l-impjieg fuq bazi *full-time* tas-Sinjura Moira Azzopardi ser ikun ta' benefficju ghall-Kunsill Lokali tal-Birgu u rrakkomandat li l-Kunsill ghandu jimpjega lis-Sinjura Moira Azzopardi fuq bazi *full-time.* Wara diskussjoni, s-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-impjieg tas-Sinjura Azzopardi fuq bazi *full-time* u jibda l-proceduri sabiex tigi ngaggata skrivan jew skrivana fuq bazi *part-time*. Il-Kunsillier Lawrence Attard issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 *Health Insurance* ghall-impjegati u l-membri tal-Kunsill

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed toffri *Group Health Policy* ghall-impjegati u ghall-membri tal-Kunsill Lokali mal-*Allcare Insurance Limited* ghal prezz ta' €53 ghal kull persuna. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill Lokali tal-Birgu jgedded din il-polza ghal prezz totali ta' €424. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Polza tal-Assikurazzjoni tal-Flus

Is-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jgedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus fil-Kunsilli Lokali ghas-sena 2013, ghal prezz ta' €63. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Il-progett tal-pavimentar ta’ Misrah ir-Rebha u r-restawr taz-zona tal-Collachio

Is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill, kopja tal-ittra mibghuta lis-Sur Raymond Farrugia, Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fejn ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, s-Sindku staqsa dwar il-progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, taht l-progett ERDF, partikolarment il-progett tal-pavimentar ta’ Misrah ir-Rebha, kif ukoll il-progett tar-riabilitazzjoni u r-restawr taz-zona tal-Collachio, liema xoghol kellhu jinghata bidu ghax-xahar ta’ Jannar, 2013. Is-Sindku qal li s-Sur Farrugia, wiegeb li s-sejha ghall-offerti ghas-servizzi u l-ippavimentar taz-zona tal-Collachio jinsabu fl-istadju ta’ aggudikazzjoni. Is-Sur Ray Farrugia, qal ukoll li dan il-progett gie maqsum f’zewg fazijiet fejn l-ewwel fazi tinkludi l-pavimentar tal-parti l-kbira taz-zona tal-Collachio, filwaqt li t-tieni fazi tinkludi l-pavimentar ta’ Misrah ir-Rebha.

2.5 Il-Latrina Pubblia f’Xatt ir-Rizq

Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lis-Sur Sur Hector Chetcuti, Head fi ħdan l- *Project Development Coordination Unit* fil-Ministeru tal-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni dwar id-diversi lmenti li l-istess Kunsill kontinwament qiegħed jirċievi mingħand bosta individwi li jkunu qed jirrekrejaw ruħhom fiz-zona ta’ Xatt ir-Rizq, fejn is-Sur Chetcuti kien wiegħed lill-Kunsill li bħala parti mir-riabilitazzjoni taż-żona ta’ Xatt ir-Rizq fil-Birgu, l-latrina antika li kien hemm f’din iż-żona, kienet ser tingħalaq u flok issir waħda moderna hekk imsejħa latrina pubblika ta’ ħames stilel. Izda sfortunatament filwaqt li l-proġett ta’ riabilitazzjoni u *upgrading* ta’ din iz-zona tlesta, l-latrina pubblika, hekk kif kien imwiegħed baqgħet ma saritx u minflokha saret latrina miftuħa, latrina “*open air”*. Is-Sindku hawnhekk, stqarr li dwar din il-kwistjoni ntbaghtet ukoll ittra lill-Onor. Ministru Dr. Mario DeMarco, Ministru ghat-Turizmu, Kultura u l-Ambjent, sabiex tinghata l-ghajnuna diretta tieghu fuq din il-materja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Talba ghal tabelli Indikattivi minghand sid il-hanut *Cafe Bacino*

Talba minghand sid il-hanut *Cafe Bacino* li jinsab f’Xatt ir-Rizq, il-Birgu sabiex fil-Belt tal-Birgu ezattament fi Triq San Lawrenz, kantuniera ma’ Triq ’79, kif ukoll fi Triq San Lawrenz kantuniera ma’ Triq Wenzu Dyer u fiz-zona quddiem il-Monument tal-Helsien, jitwahhlu tliet tabelli indikattivi bir-reklam ta’ dan l-istabbiliment, liema tabelli ser ikunu konformi ma’ dawk diga li hawn fil-lokalita. Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jilqa’ u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Gemellagg bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Villagg ta’ Belvi, f’Sardegna

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali approva t-talba tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal gemellagg bejn il-Birgu u l-villagg ta’ Belvi f’Sardegna.

2.8 Ilment minghand is-Sinjura Maria Brincat – Triq Joseph Mary Genuis

Is-Sindku pprezenta kopja ta' lment li l-istess Kunsill ircieva minghand is-Sinjura Maria Brincat li toqghod fi Triq Joseph Mary Genuis il-Birgu fejn qed titlob sabiex issir alterazzjoni fil-*junction* li hemm fi Triq San Dwardu, ezattament quddiem il-Kullegg San Dwardu, liema *junction* qed tikkawza periklu kbir. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jigbed l-attenzjoni tas-Sur David Vassallo, Direttur fi hdan Transport Malta, fejn il-Kunsill zmien ilu kien talab lill-istess Direttur sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiegha peress li din it-triq hija arterjali u taqa' taht ir-responsabilita ta' Transport Malta.

2.9 Il-progett "Non-formal education, the innovative way for better studying"

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mill-Onorevoli Chris Agius, dwar progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taht il-programm *Lifelong Learning* ghall-progett "Non-formal education, the innovative way for better studying". Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill ghandu jippartecipa f'dan il-progett u ghandu jinkludi fih l-iskola Primarja Santu Rokku fi hdan il-Kullegg Santa Margerita.

2.10 Partecipazzjoni ta' grupp folkloristiku mil-Belt ta' St Tropez ghall-attivita tal-Birgufest 2013

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera prezenti li s-Sur Claude Berard, Vici Sindku tal-belt ta' St. Tropez, wera x-xewqa li ghall-attivita tal-Birgufest 2013, grupp folkloristiku mill-Belt ta' St. Tropez, jippartecipa ghal din l-attivita. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Il-progett kreattiv "Wara l-Kantuniera"

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti dwar il-progett kreattiv "Wara l-kantuniera" progett imtella' mill-Youth Worker is-Sur Simon Schembri, fi hdan il-Kullegg Santa Margerita fejn ghal dan il-progett il-Kullegg qed jitlob is-sapport tal-Kunsill kif ukoll sabiex tintuza l-binja tal-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Il-progett "Secure IT Port System – SIPS"

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li prezentament il-Kunsill Lokali tal-Birgu bl-ghajnuna tal-Piraeus Port Authority qieghed fil-process li jissottometti applikazzjoni fi hdan is-sejha ENPI CBC Mediterranean Sea Basin programme ffinanzjata mill-Unjoni Ewropea.

2.13 *The Malta bus souvenir bus*

Proposta mill-kumpanija Cancu Coaches sabiex fil-Birgu jkun hawn "The Malta Bus Souvenir Bus. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex issir laqgha ma' din il-kumpanija sabiex jigu ccarati xi punti migjuba ghall-attenzjoni mill-Kunsilliera. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Allokazzjoni Finanzjarja minn Jannar sa April 2013

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-allokazzjoni finanzjarja minn Jannar sa April 2013, hija ta' €87,775. Hawnhekk, is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja ta' ittra mibghuta lid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, s-Sur Carmel Abela, dwar il-preokuppazzjoni tal-Kunsill ghal fatt li l-allokazzjoni li qed tinghata lill-Kunsill mhux qed tigi kkalkulata tajjeb b'konsegwenza li kull sena l-Kunsill qed jiffaccja *deficit.* Is-Sindku pprezenta kopja tal-ittra mibghuta ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.15 Memo 122/2011 – Skema ta' finanzjament ghar-restawr ta' postijiet storici zghar

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Kunsill taht l-iskema ta' finanzjament ghar-restawr ta' postijiet storici zghar, ghar-restawr tan-Nicca ta' San Filippu fi Triq San Filippu, ma ntghazlitx mill-bord tal-evalwazzjoni ghall-ghajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema.

2.16 Memo 63/2011 – Skema ta' finanzjament ta' progett specjali f'lokalitajiet zghar

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Kunsill taht l-iskema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar, ghall-progett ta' accessibilta ghal persuni bi bzonnijiet specjali ghall-monument ta' valur storiku kbir, dik tal-Knisja Parrokjali u Konventwali ta' San Lawrenz fil-Birgu, ma ntghazlitx mill-bord ta l-evalwazzjoni ghall-ghajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema.

2.17 Penali ghar-rapport tal-awditur li wasal tard fl-ufficcju nazzjonali tal-awditur

Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn infurma lill-Kunsill li wara l-kummenti li ircieva kemm mil-Kunsill Lokali tal-Birgu, kif ukoll mill-Awditur Generali, gie deciz li l-penali ghar-rapport tal-awditur li wasal tard fl-ufficcju nazzjonali tal-awdituri, l-ammont li ser jitnaqqas bhala penali huwa ta' €751.73 jigifieri nofs l-ammont li kien indikat primarjament. Is-Sindku s-Sur John Boxall, stqarr li l-Kunsill permezz ta' ittra mibghuta lid-Direttur ghall-Gvern Lokali ghal darb'ohra wera d-disaprovazzjoni tieghu ghal din id-decizjoni fejn ir-rapporti finanzjarji ghas-sena 2011, ma waslux fi zmien stipulat ma kienx fit-totalita tieghu tort tal-istess Kunsill.

2.18 Ammont Dovut lill-Kumpanija Wasteserv

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li mit-*tranche* tal-allokazzjoni mghoddija lill-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal Jannar – Marzu, 2013, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali naqqas l-ammont ta' €11,972. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill kien qieghed fil-process li jaghmel laqgha ma' dirigenti ta' din il-kumpanija sabiex tinstab soluzzjoni u jithallas l-ammont dovut mill-aktar fis possibli, izda filwaqt li l-Kunsill kien isejjah laqgha, din kienet qeghda tigi kkancellata min-naha tal-Wasteserv u min-naha l-ohra, d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, minghajr ma kkonsulta lill-Kunsill naqqas l-ammont dovut. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu jemmen li dan l-agir min-naha tad-Dipartiment zgur mhux qieghed jghin lill-Kunsill izda qed ikompli jzid mal-problemi finanzjarji li qieghed jaffacja l-Kunsill.

2.19 Il-Progett Seatoland

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li sfortunatament l-applikazzjoni ghall-progett ta' *floating structure* ghall-*landing place* ghad-dghajsa tal-pass li kienet giet proposta fi hdan il-progett Seatoland sabiex issir fiz-zona maghrufa bhala t-Toqba ma gietx approvata min-naha tal-MEPA.

Barra minn hekk, is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Unjoni Ewropea approvat l-estenzjoni tal-progett "Seatoland", liema progett ser jibqa' fis-sehh sa Gunju 2013.

2.20 Vizita minn Dr. YoungHoon Kwaak, President tal-World Citizens' Organization

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li bejn l-21 u t-23 ta' Jannar, 2013, il-Kunsill Lokali tal-Birgu laqa' lil Dr. YoungHoon Kwaak, President tal-World Citizens' Organization. Hawnhekk, is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Lawrence Attard kif ukoll lil Dr. Paul Bezzina, tal-ospitalita li wrew ma' Dr. Kwaak fil-vizita tieghu. Is-Sindku stqarr li fid-diskussjonijiet ma' Dr. Kwaak, intwera bic-car li din l-assocjazzjoni qed taghmel enfasi biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun prezenti ghal-laqgha annwali li ser issir f'Seoul fi South Korea. Is-Sur Boxall stqarr li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, l-Kunsill Lokali tal-Birgu huwa lest li jippartecipa jekk din l-organizazzjoni lesta li thallas l-ispejjez kollha relatati, sfortunatament jekk din l-assocjazzjoni mhux lesta li thallas ghall-partecipazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill Lokali tal-Birgu mhux ser ikun f'pozizzjoni li jippartecipa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.21 Il-Progett SECRET

Is-Sindku s-Sur John Boxall, informa lill-Kunsilliera prezenti li l-ammont dovut mill-Kunsill Lokali ta' Volos fi Grecja, dak ta' €8,297.70 ghall-partecipazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-progett "SECRET" gew ricevuti. Barra minn hekk is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva ukoll l-ammont ta' €3,705 mill-fond ta' ko-finanzjament ghall-progett iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea ghall-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-progett "SECRET". Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.22 L-offerta AS 07/12 – Provista, installazzjoni, ittestjar u kummissjoni ta' sistema ta' *air-conditioning* fil-Berga ta' Franza

Is-Sindku qal li gie ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija Panta Marketing Services Ltd. inkonessjoni mal-offerta AS 07/12 ghall-provista, installazjoni, ittestjar u kummisjoni ta' sistema ta' *air-conditioning* fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku pprezenta kopja tal-kuntratt ghall-attenzjoni tal-Kunsill fejn gew stipulati dawn il-kundizzjonijiet. Ix-xoghol inkonessjoni ma' din l-offerta ser jinqasam f'zewg fazijiet, fejn fl-ewwel fazi ser jigu nstallati l-*units* tal-*intermediate floor* u tal-ewwel sular. It-tieni fazi tinkludi l-installazzjoni tal-unit fil-*ground floor*. Fil-kuntratt gie stipulat ukoll li l-installazjoni tal-ewwel fazi ta' dan il-progett ser issir f'Mejju 2013, fejn il-hlas ta' €8,858.50 ser isir sa Lulju 2013, filwaqt li t-tieni pagament ta' €3,000 ser isir sa Settembru 2013. Il-hlas tat-tieni fazi ser isir hekk kif jitlestew ix-xoghlijiet inkonessjoni ma' din il-fazi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.23 Qualification Allowance lis-Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu skond il-ligi ghandu jaghti *Qualification Allowance* lis-Segretarja Ezekuttiva ghall-kwalifiki taghha. Is-Sindku qal li ghas-sena 2012, is-Segretarja Ezekuttiva ma kinitx hadet din l-*allowance* ta' €466 u ghaldaqstant issuggerixxa sabiex din tithallas minnufih. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid li l-*qualification allowance* ghas-sena 2013, ser tithallas aktar 'il quddiem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Il-parkegg f'nofs ta' Misrah ir-Rebha

Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssuggerixxa sabiex dan l-*item* jigi diskuss fil-laqghat li jmiss.

## 4. Harga Kulturali

Il-Kunsillier Lawrence Attard talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex nhar it-Tlieta 12 ta' Frar, 2013, ssir harga kulturali gewwa l-Mediterranean Ceramics Factory f'Ta' Qali u l-Bird Park Malta, fis-Salina. Is-Sur Attard qal li ghal din l-attivita dawk partecipanti ser izuru l-fabbrika tac-ceramika *Mediterranean Ceramics* f'Ta' Qali akkumpanjati minn gwida, fejn wara ser izuru wkoll il-Bird Park Malta fis-Salina, li wkoll ser ikunu akkumpanjati minn gwida. Il-prezz ghal din l-attivita ser tkun ta' €16 'il kbar u €7 ghat-tfal li tinkludi l-ikla ta' nofsinhar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

5. **Decizjoni dwar is-sejha PPP 09/12 – Kisi mill-gdid ta' toroq taht l-iskema *Private Partnership Scheme***

B'referenza ghal Item 7 (12/06), id-decizjoni dwar is-sejha PPP 09/12, ghal xoghol ta' kisi mill-gdid ta' toroq taht l-iskema *Private Partnership Scheme,* is-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill kopja tal-*adjudication report* ippreparat mill-Periti tal-Kunsill, il-kumpanija MED Design Associates Ltd. Fir-rapport tieghu l-Perit Charles Buhagiar irrakomanda li l-offerta offruta mill-kumpanija Asphaltar Ltd. Ghall-prezz ta' €913,380.40 ghandha tigi rrifjutata u ghandha tinhareg sejha ohra, dan ghall-fatt li l-ammont mitlub minn din il-kumpanija huwa wiehed gholi hafna. Hawnhekk, is-Sindku rrimarka li fil-kalkoli mnizzla fil-kwotazzjoni mill-kumpanija Asphaltar Construction Ltd. hemm zball hekk kif l-ammont kwotat huwa €908,829.15, izda l-ammont imnizzel *itemized* huwa ta' €913,380.40.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jimxi fuq il-parir mghoti mill-Perit tal-Kunsill il-Perit Charles Buhagiar u ghaldaqstant jirrifjuta din l-offerta. Il-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

6. **Decizjoni dwar is-sejha RM 10/12 – Zamma u manutenzjoni ta' toroq li jaghtu access biss u toroq pedonali**

B'referenza ghal Item 8 (12/06), decizjoni dwar is-sejha RM 10/12 – Zamma u manutenzjoni ta' toroq li jaghtu access biss u toroq pedonali, s-Sindku pprezenta ghall-attenzjoni tal-Kunsill, kopja tal-*adjudication report* ppreparat mil-Perit tal-Kunsill, l-Perit Charles Buhagiar. Fir-rapport tieghu l-Perit stqarr li l-irhas offerta mill-istudju komparattiv li sar kienet dik tal-kumpanija V&M Vella Imports Ltd. Sfortunatament kemm l-offerta tal-kumpanija BC Ltd. kif ukoll l-offerta tad-Dimbros Ltd. ma ssotomettawx kopja tat-tender u ghaldaqstant dawn ghandhom jittiehdu bhala nulli. Barra minn hekk, il-kumpanija BC Ltd. lanqas biss issottomettiet il-garanzija bankarja u ghaldaqstant il-Perit Charles Buhagiar issuggerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel l-offerta tal-Kumpanija V&M Vella Imports.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jilqa' s-suggerimenti tal-Perit Charles Buhagiar u jaghzel l-offerta ta' V&M Vella Imports Ltd. Il-Kunsillier Anton Gellel issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

7. **Taghrif dwar ix-xogholijiet fil-Berga ta' Franza**

Is-Sur John Boxall, Sindku, ta rendikont tax-xogholijiet li qeghdin isiru fil-Berga ta' Franza. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta lis-Sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru, fejn gew ipprezentati kopja tal-kwotazzjonijiet ghal aktar xogholijiet ta' manutenzjoni li hemm bzonn li jsiru fil-Berga ta' Franza. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jistenna l-approvazzjoni min-naha tal-Ufficju tal-Prim Ministru, sabiex b'hekk ikun jista' jitkompla l-programm ta' xogholijiet f'din il-binja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Barra minn hekk, is-Sindku pprezenta kwotazzjoni sabiex fl-ewwel kamra li hemm fis-sala fuq, issir *ruff*. Is-Sindku qal li l-prezz sabiex issir dan ir-*ruff* huwa ta' €798. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti qablu li filwaqt li hemm bzonn li jsir *ruff* il-Kunsill ghandu jara l-ahjar post fejn dan jista' jsir.

8. **Taghrif dwar il-progett Fuq tal-Hawli**

Is-Sindku s-Sur John Boxall ta rendikont tax-xogholijiet li qeghdin isiru fil-Gnien Fuq tal-Hawli, fejn qed isiru x-xogholijiet kollha mehtiega sabiex fl-iqsar zmien possibli isir il-parkegg il-gdid bhala parti minn dan il-Gnien. Is-Sindku qal li x-xoghol miexi u wasal fl-istadju li jigu mwehhla l-arbli tad-dawl, kif ukoll jinghata t-tarmac f'din iz-zona. Is-Sindku zied jghid li dan il-parkegg ser jesa' wiehed u ghoxrin (21) karozza.

9. **Xogholijiet ta' Triq San Lawrenz**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill baghat korrispondenza lill-Perit David Vassallo, Direttur fi hdan it-Transport Malta, responsabbli mix-xogholijiet pendenti fi Triq San Lawrenz, sabiex fl-inqas zmien possibli jinforma lill-Kunsill dwar l-izviluppi fil-process tax-xogholijiet f'din it-triq. Is-Sindku zied jghid li s-Sur Vassallo wiegeb li l-Awtorita ser taghmel l-almu taghha biex isiru x-xogholijiet pendenti u talab lill-Perita responsabbli, il-Perita Charlene Bonnici, biex taghti rendikont tal-izvillupi relatati ma' dawn ix-xogholijiet.

10. **Affarijiet Ohra**

10.1 Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

10.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall, gibed ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera l-ligi tal-Kunsilli Lokali bir-rispett tal-hin x'hin issir il-laqgha tal-Kunsill, hekk kif xi whud mill-Kunsilliera qed isibuha difficli biex jattendu ghal-laqgha minhabba ragunijiet ta' xoghol. Is-Sindku qal li l-ligi tistqarr li sakemm ma jkunx iddeterminat b'decizjoni unanima tal-Kunsill, il-laqghat ghandhom jibdew mhux qabel il-hamsa u nofs ta' filghaxija u mhux wara s-sebgha u nofs ta' filghaxija, izda din il-laqgha ghandha tkun ukoll ghall-kumdita tar-residenti tal-lokal. Is-Sindku qal li l-laqgha hija wahda pubblika. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-laqghat tal-Kunsill ghandhom isiru fis-siegha ta' wara nofsinhar.

Il-laqgha ntemmet fit-8 ta' filghaxija.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku